Teżorier u s-Segretarju Propaganda biex jaraw x'jista' jsir — din il-ħidma għadha sejra.

Fl-aħħar seduta ġenerali għaddiet riżoluzzjoni sabiex aħna nieħdu f'idejna t-twaqqif ta' Kumitat Nazzjonali biex jieħu ħsieb li jsir, f'post prominenti u pubbliku, monument lill-Poeta Nazzjonali, Monsinjur Dun Karm Psaila.

Il-Kunsill ma setax ma jilqax bi pjaċir kbir u bil-ħerqa ħsieb hekk sabiħ u qaddis, u stħarreġ bir-reqqa l-kustjoni kollha, mhux f'laqgħa waħda, iżda f'erba' laqgħat: saret Kummissjoni magħmula mill-President, l-Ass. Segretarju, u s-Sur Ġuże Cardona, kif ukoll mis-Sinjuri El-lul Galea u Marju Agius, il-proponent u s-sekondant tar-riżoluzzjoni ġa msemmija. Saru suġġerimenti minn min għandu jkun kompost il-Kumitat Nazzjonali, li kellu jilqa' fi ħdanu r-rappreżentanti ta' l-istrati u x-xejriet kollha tas-soċjeta' maltija, u dawn kienu avviċinati biex ikunu mistoqsija jilqgħux l-istedina. Sirna nafu li kien għadu ma wasalx iż-żmien li jitwaqqaf b'suċċess dak il-Kumitat, jiġifieri b'suċċess għall-ħsieb ewlieni tagħna; għalhekk ħsibna u rajna li għalissa aħjar nieqfu hemm — għalkemm, nistqarruh fil-beraħ, dan għamilnieh kontra qalbna.

L-irħama ta' tifkira fl-Universita' Rjali ta' Malta lil Rużar Briffa u Ġuże Bonnici, u forsi oħrajn magħhom, ukoll ulied l-Universita', li jixirqilhom jibqgħu mfakkra għall-ħidma tagħhom fil-qasam lingwistiku u letterarju ta' Isien nazzjonali tagħna, jew li ħadmu favur il-Malti, għadha ma twaħħletx, iżda l-ħsieb qiegħed hemm, u nittamaw ma jdumx ma jsir fatt.

L-għotja tal-midalja Ġuże Muscat Azzopardi din is-sena għadha ma ngħatatx.

Qabel ma nagħlaq irrid insemmi fil-qosor tliet punti oħra: wieħed li sewdielna qalbna u t-tnejn l-oħra li jekk ma ferrħuniex ħafna juru għallinqas li għadna fuq ruħna u mimlijin ħajja. L-ewwel, it-talba tagħna, mhux mismugħa, li lis-Sur Ninu Cremona jingħatalu vitalizju; it-tieni, l-istedina, milqugħa minna, tal-Kummissjoni Djoċesana Emigranti biex flimkien magħha norganizzaw kompetizzjoni ta' "proza u poeżija", meta saret hawn fostna l-"Maltese Migrants' Convention"; u fl-aħħarnett il-laqgħa li tajna lill-Poet Laurate, C. Day Lewis u s-Sinjura tiegħu, meta dawn ġew fostna hawn Malta — morna nisimgħuhom, iltqajna magħhom u offrejnielhom pranzu li huma laqgħu — kilna u tħadditna flimkien u sirna nafu, u nittama, napprezzaw aktar lil xulxin.



Illum, fi tmiem din il-laqgħa, sejrin għal darb'oħra niltaqgħu ma' dwar il-mejda tal-ikel, iżda did-darba f'ġieħ wieħed minna stess, wieħed li f'qalbna għandu post li ftit oħrajn għandhom; sejrin nagħmlu hekk biex nistqarru quddiem kulħadd kemm nistmawn u nħobbuh — mhux biss għalih innifsu bħala persuna, bħala ħabib, iżda bħala wieħed mill-aqwa u l-eseħħ plieri ta' l-Ilsien Malti u l-letteratura maltija — irrid ngħid is-Sur Ninu Cremona, il-Viċi President tagħna, dak li hu dekorat bil-Midalja Ġuże Muscat Azzopardi, mogħti mill-Universita' Rjali ta' Malta d-Dottorat fil-Letteratura Honoris Causa u dan l-aħħar mogħni bil-midalja tal-Fidda mill-Kumitati Ċiviċi ta' Malta. U dana kollu għall-meriti tiegħu biss u mhux għal ħaġa oħra; għax Ninu Cremona, kif nafuh aħna li kbirna miegħu, hu bniedem umli imma tassew kbir, u forsi kbir l-aktar, għax għalkemm kbir mhux mimli bih innifsu. Kull unur li ħa kien jisthoqq; fil-każ tiegħu nistgħu napplikaw għalih fil-veru sens tagħha l-frażi taljana — "onore al merito', jew kif jgħidu l-Ingliżi: "Honour to whom honour is due." Min-naħa tagħna nittamaw ukoll li noħorġu għadd speċjali ta' **Il-Malti** dedikat lil Dottor Cremona.

Ma għandix xi nżid aktar. Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kunsill, u b'mod l-aktar speċjali lill-President, għall-pariri u l-għajnuna li huma dejjem tawni, u lilkom ukoll, tal-paċenzja li ħadtu tisimgħuni naqra dan ir-rapport.

---

## ERRATA CORRIGE

Il-Malti: Settembru 1969, paġna 83:-

Errata: "Għall-ewwel darba saret fil-Kappella tal-Onorati, Il-"Ġiżwiti", il-Belt. Is-Sibt, 17 ta' Frar 1968, organizza laqgħa fit-Teatru mibki Rob. Mifsud Bonnici . . . . . et seq."

Corrige: "Għall-ewwel darba saret fil-Kappella tal-Onorati, il-"Ġiżwiti", il-Belt. Is-Sibt, 17 ta' Frar 1968, organiżża laqgħa fit-Tejatru tal-Universita' Rjali ta' Malta, fil-Belt, meta Mons. Arċisqof ta l-ġieħ P.E.P. lill-mibki Rob. Mifsud Bonnici . . . . . et seq."